KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
www.iklin.lc.gov.mt

Ġunju 29, 2020

## Rapport Amministrattiv għall-perjodu ta' bejn Jannar u Diċembru 2019

Kif jitlob l-Att XV tal-1993 dwar it-twaqqif tal-Kunsilli Lokali (Kap. 363), darbtejn fis-sena, il-Kunsilli Lokali għandhom isejħu laqgħa tal-lokalità li għandha tinżamm qabel il-laqgħa li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja. Il-Kunsill Lokali, wara din il-konsultazzjoni pubblika mar-residenti, iħejji Pjan ta' Ħidma ta' ħames snin li jkun rivedibbli.

**Allokazzjoni finanzjarja 2019**

| | |
|---|---|
| Parks and Gardens | €3,911.57 |
| Urban Maintenance | €54,238.00 |
| Rural Maintenance | €12,988.00 |
| Street Sweeping | €32,285.00 |
| Rural Cleaning | €5,647.00 |
| Waste Management | €57,046.07 |
| Administration Costs | €98,695.60 |
| Waste Tipping Fees | €12,310.00 |
| **Total Allocation for 2018** | **€277,121.24** |

Meta wieħed jikkompara l-allokazzjoni finanzjarja tas-sena 2019 mqabbla mas-sena 2018, jirriżulta li kien hemm żieda ta' Eur14,396.24c li jfisser 5.48% perċentwali.

Il-Kunsill Lokali, bħas-snin preċedenti, osserva bi prudenza l-immaniġġjar tal-finanzi li huwa wieħed mill-prinċipji importanti li Kunsill irid jaħdem bih. Rapporti finanzjarji jiġu ppreżentati kull tliet xhur għall-approvazzjoni tal-Kunsill u dawn ir-rapporti huma pubbliċi fejn wieħed jista' faċilment jaċċessa għalihom permezz tas-sit elettroniku www.localgovernment.gov.mt



Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Bernice Farrugia, Emanuel Zammit, Godwin Catania

Il-Kunsill Lokali jadotta l-*prudence concept* fil-mod ta' kif jiġu amministrati l-fondi pubbliċi. Bħala prijorità, il-Kunsill Lokali jassigura li jkopri l-kuntratti obbligatorji li jinkludu s-servizzi tal-*Accountant*, tal-Perit, il-Konsulenti tal-Kunsill, il-Kuntrattur tal-ġbir tal-iskart domestiku, s-servizz tal-ġbir tal-WEEE u bulky refuse, is-servizz tal-knis u l-indafa pubblika, is-servizz tal-manutenzjoni tal-Parki, ġonna u *soft areas*, il-manutenzjoni tat-toroq u l-bankini, s-servizz tal-manutenzjoni tal-lampi tat-toroq (street lighting), il-manutenzjoni tas-sinjali tat-traffiku u l-marki taż-żebgħa, servizz ta' Data Protection Officer u servizzi oħra. Ma' dawn il-kuntratti obbligatorji, hemm in-nefqa amministrattiva u dik kapitali fejn il-Kunsill Lokali jimbarka fuq proġetti ġodda biex ikompli jtejjeb u jsebbaħ l-infrastruttura tal-lokal.

**Attendenza tal-Kunsillieri għas-seduti tal-Kunsill**

| | | | | | IT-TMIEN KUNSILL | 2019 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| LAQGHA NO. | DATA | GURNATA | DALLI ANTHONY | SCIBERRAS DORIAN | BUTTIGIEG WILFRID | AZZOPARDI MARIS | BARTOLO YVONNE |
| 63 | 08/01/2019 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | ASSENTI B'APOLOĠIJA | IVA |
| 64 | 29/01/2019 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 65 | 13/02/2019 | L-Erbgha | IVA | IVA | ASSENTI B'APOLOĠIJA | IVA | IVA |
| 66 | 20/03/2019 | L-Erbgha | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 67 | 09/04/2019 | It-Tlieta | IVA | IVA | ASSENTI B'APOLOĠIJA | IVA | IVA |
| 68 | 29/04/2019 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 69 | 20/05/2019 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | ASSENTI B'APOLOĠIJA | IVA |
| 70 | 17/06/2019 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 71 | 21/06/2019 | Il-Ġimgħa | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |

| | | | | | ID-DISA KUNSILL | 2019 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| LAQGHA NO. | DATA | GURNATA | SCIBERRAS DORIAN | BARTOLO YVONNE | FARRUGA BERNICE | ZAMMIT EMANUEL | CATANIA GODWIN |
| 1 | 01/07/2019 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 2 | 23/07/2019 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 3 | 12/08/2019 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 4 | 04/09/2019 | L-Erbgħa | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 5 | 23/09/2019 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 6 | 15/10/2019 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 7 | 23/10/2019 | L-Erbgħa | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 8 | 06/11/2019 | L-Erbgħa | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 9 | 26/11/2019 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 10 | 02/12/2019 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 11 | 17/12/2019 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |

Bejn Jannar u Ġunju 2019, il-Kunsill Lokali ltaqa' formalment (9) darbiet. L-attendenza tal-membri fil-Kunsill kienet waħda sodisfaċenti. Il-laqgħat huma pubbliċi u *streamed live* għall-benefiċċju tar-residenti u l-pubbliku ngenerali. Is-Sindku Anthony Dalli attenda għas-seduti kollha tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku Dorian Sciberras attenda s-seduti kollha tal-Kunsill. Il-Kunsillier Wilfrid Buttigieg attenda (7) seduti u kien assenti b'apoloġija (2) laqgħat. Il-Kunsillier Maris Azzopardi attendiet (7) seduti u kienet assenti b'apoloġija (2) laqgħat. Il-Kunsillier Yvonne Bartolo attendiet għas-seduti kollha tal-Kunsill.

Peress li kien hemm l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali f'Mejju 2019, id-Disa' Leġiżlatura bdiet uffiċċjalment fl-1 ta' Lulju 2019 u kien hemm tibdil fis-Sindku u l-membri tal-Kunsill.

Is-Sindku Anthony Dalli ma reġax ikkontesta l-elezzjoni tal-Kunsill fuq il-lokalità tal-Iklin filwaqt li l-Kunsillier Wilfrid Buttigieg u l-Kunsillier Maris Azzopardi ma reġgħux tefgħu n-nomina tagħhom għall-elezzjoni tal-Kunsill Lokali.

Is-Sindku ġdid elett Dr. Dorian Sciberras flimkien mall-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri l-ġodda Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania ħadu l-ġurament tal-ħatra fl-1 ta' Lulju.

Is-Sindku elett irringrazzja lill-ex Sindku Anthony Dalli tas-servizz leali tiegħu lejn b'riżq ir-residenti kollha ta' din il-lokalità għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena, l-ewwel sentejn bħala Kunsillier u tlieta u għoxrin sena fil-kariga ta' Sindku bejn is-sena 1996 – 2019.

Is-Sindku elett irringrazzja wkoll lill-Kunsillier Wilfrid Buttigieg u lill-Kunsillier Maris Azzopardi li kellu l-opportunità jaħdem magħhom fil-leġiżlatura preċedenti.

**Proġetti infrastrutturali fil-lokal**

- Is-sena 2019 kienet sena oħra mpenjattiva għall-Kunsill b'ħidma kontinwa mingħajr waqfien.

- Il-proġett 'Enhanced Farm Access Roads' mibdi fis-sena 2018 fi Triq il-Ħwawar b'fondi tal-EARDF 2014-2020 kien magħluq fiżikament fl-ewwel kwart tas-sena 2019. Proġett li ġie jiswa *circa* Eur200k b' ko-finanzjament 90%-10%. F'Ġunju 2018, ingħata Tender lill-kuntrattur Asphaltar Ltd u f'Awwissu beda l-proġett fuq il-*water main* (underground infrastructure) tul Triq il-Ħwawar. Fuq rakkomandazzjoni tal-Perit, kien ikkummissjunat *land surveyor* biex isir *topographical survey* qabel ma jingħata l-asfalt tat-triq tul ta' 750 metru tul bi 8 metri wiesa. Fix-xhar ta' Diċembru 2018 ingħatat l-ewwel parti tat-triq u x-xogħol ġie konkluż fix-xhar ta' Marzu 2019. Id-dewmien fit-tkomplija tal-proġett kien dovut minn fatturi esterni (external factors) fejn il-Kunsill ma kellux kontroll fuq is-sitwazzjoni. Fil-preżent, il-Kunsill qed jikkordina mal-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Aġenzija ARPA dwar kjarifiki dwar l-eliġibilità tal-ispiża, proċedura ta' xiri, verifiki fuq kwotazzjonijiet, verifiki fuq fatturi u provi ta' ħlas, verifiki fuq il-korrettezza u l-kompletezza tal-informazzjoni inkluża fit-talba għall-ħlas. Il-Kunsill qed jassumi li l-proġett jiġi magħluq sal-ewwel kwart tas-sena d-dieħla.

- Matul is-sena 2019, il-Kunsill Lokali kompla jtejjeb l-infrastruttura tal-Iklin bi proġetti fejjieda fi Triq Ċensu Busuttil (part of), u Triq San Mikiel (part of). Ix-xogħlijiet kienu jinkludu t-tibdil tas-servizzi fejn fi Triq Ċensu Busuttil inbidel saħansitra l-*main sewer* u l-*water main* fil-parti t'isfel tat-

triq. Investiment ta' *circa* Eur30K biex inbidel l-ilma u d-drenaġġ filwaqt li saret spiża ta' circa Eur45k fuq l-asfalt mill-ġdid tat-triq.

Il-proġett ta' Triq San Mikiel (part of) sewa *circa* Eur30k fejn il-Kunsill ikkummissjona lill-Perit biex isir *survey* tat-triq minħabba difett fil-livelli tat-triq fejn kien iżomm għadajjar tal-ilma tax-xita (pooling of rainwater). Sar xogħol tajjeb ħafna mill-Kuntrattur tal-Kunsill u ingħata l-asfalt mill-ġdid fil-karreġġjata man-naħa tar-residenti.

- Fil-frattemp, il-Kunsill irnexxielu jikkordina proġett ieħor ma' Infrastructure Malta fejn sar xogħol estensiv mad-dawra ta' *round-about* peress li kellha wiċċ difettuż. B'dan il-proġett, il-Kunsill irrisolva numru ta' ilmenti li kienu akkumulaw minħabba l-istat difettuż tat-triq.

- Titjib infrastrutturali ieħor sar fi Triq Lewis F. Mizzi b'investiment ta' *circa* Eur10k fl-entratura tas-Sala tal-Kunsill fejn il-Kunsill se jkun qed joffri numru varji ta' servizzi għall-benefiċċju tal-komunità u l-għaqdiet tal-lokal.

- Lejn l-aħħar kwart tas-sena 2019, tlesta l-proġett fuq is-servizzi u x-xogħol tal-asfalt fi Triq il-Prinjol minn Infrastructure Malta. Il-Kunsill jirringrazzja pubblikament lil Infrastructure Malta għal dan il-proġett fejjiedi partikolarment għar-residenti li jirrisiedu fl-imsemmija triq. Is-Sindku Dr. Sciberras kien kontinwament f'kuntatt mall-Perit u mar-residenti matul il-korsa tal-proġett. Il-konsultazzjoni f'kull fażi ta' dan il-proġett kienet meħtieġa u bl-impenn sħiħ tiegħu rnexxielu jegħleb l-ostakli u d-diffikultajiet li jġibu magħhom proġetti kapitali.

- F'Novembru tas-sena 2017, il-Kunsill kien applika taħt miżura oħra M4.4 – *Investments in Physical Assets – Support for non-productive investments linked to the achievement of agri-environment-climate objectives* bil-proġett propost restawr u rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ f'diversi żoni madwar L-Iklin li jinsabu fi stat ta' dilapidazzjoni fi Triq in-Namur, parti minn Triq Għargħur, Sqaq Ġarda, u Triq Richard Taylor. F'Settembru 2018, il-Kunsill irċieva mingħand *Funds and Programmes Division* li l-Kunsill kien ikkwalifika taħt il-miżura M4.4 fejn il-Kunsill ser jibbenifika minn €176,500.86 (VAT inkluż) minn fondi permezz ta' ko-finanzjament 80%-20%. Il-*Grant Agreement* ġie ffirmat f'Diċembru 2018 u l-Kunsill beda l-proċess amministrattiv f'dak li huwa akkwist pubbliku. Ġew sottomessi l-applikazzjonijiet għall-permess ta' żvilupp mal-Awtorità tal-Ippjanar għas-siti fi Sqaq in-Namur, Sqaq Ġarda k/m Triq Għargħur, u Triq Richard Taylor.

**Attivitajiet soċjali għall-komunità tal-Iklin bħala mezz ta' *community engagement***

Il-Kunsill Lokali baqa jemmen fis-sħiħ dwar parteċipazzjoni attiva. Għal sena oħra, il-Kunsill żamm l-appuntamenti annwali tiegħu biex joħloq attivitajiet biex tipparteċipa l-komunità permezz ta' attivitajiet soċjali, kulturali, u dawk edukattivi.

Bejn 1 -3 Marzu ġiet organizzata attività soċjali għall-komunità. Il-parteċipazzjoni kienet waħda sodisfaċenti.

Il-Ħamis, 14 ta' Marzu – ġiet organizzata attività soċjali għal Jum il-Mara;

Il-Ħamis, 9 ta' Mejju – Jum l-Omm

It-Tnejn, 13 ta' Mejju – Infiorata fi Pjazza Ninu Cremona;

Is-Sibt 31 ta' Awwissu – Attività soċjali għall-komunità;

Fil-5 ta' Diċembru ġiet imtella attivita soċjali għall-komunità;

Fid-19 ta' Diċembru *'re-enactment'* tal-ġrajja qaddisa tal-Milied fit-toroq tal-Iklin.

Fit-22 ta' Diċembru ġiet imtella l-attività 'Ġej il-Father Christmas';

Fl-24 ta' Diċembru ttellgħet *performance* 'Il-Milied tal-Anġli' fil-Parroċċa tal-Familja Mqaddsa;

Fis-27 ta' Diċembru – Awgurju tal-Milied u s-Sena l-Ġdida

Fit-30 ta' Diċembru organizzata attività tal-Milied għat-tfal tal-komunità;

**Infiorata 2019**

L-attività edukattiva 'Festa tal-Fjuri' tista tgħid li daħlet fil-kalendarju tal-attivitajiet tal-Kunsill. Proprju minħabba l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali f'Mejju li għadda, il-Kunsill kellu jorganizza l-attività fuq skala ridotta fejn kien deċiż li ssir 'infiorata' fl-ispazju miftuħ fi Pjazza Ninu Cremona. Grazzi għall-kollaborazzjoni sħiħa mal-kumpannija ELC Ltd, il-Kunsill irnexxielu jagħmel l-arranġamenti u ħadem fuq il-loġistika biex issir 'infiorata' fl-ispazju miftuħ b'madwar 15,000 xitla fejn l-artist irnexxielu joħloq disinn bl-istess xitel bħala attrazzjoni. Wara din l-esibizzjoni, saret distribuzzjoni tax-xitel lir-residenti tal-komunità biex iżejnu l-parapetti, aperturi u gallariji u l-*front gardens*. L-attendenza tar-residenti qed tiżdied kull sena u dan jawgura tajjeb għall-attivitajiet futuri.

**Aċċessibilità fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill**

Billi l-Uffiċċju tal-Kunsill huwa post pubbliku u naturalment iffrekwentat mill-pubbliku li jiġi biex jinqeda mis-servizzi li jipprovdi l-Kunsill, u peress li l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill mhuwiex aċċessibbli għal min għandu problemi ta' mobilità, il-Kunsill deherlu li kien wasal iż-żmien biex jistalla *outdoor stair lift* biex il-fond ikun aċċessibbli. L-i*stair lift* ġie stallat fl-ewwel ġimgħa tas-sena l-ġdida 2019. Il-Kunsill għamel użu minn fondi li kien applika snin qabel dwar skema għal Aċċessibilità aħjar fil-Lokalitajiet.

**Is-sit ta' San Mikiel**

Is-sit ta' San Mikiel ingħata *b'encroachment* lill-privat bħala faċilità għall-parkeġġ u ma' kien hemm l-ebda żviluppi oħra matul is-sena 2019.

**Skema Finanzjarja favur il-Komunità – Ħajja Aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sport**

Il-Kunsill kien eliġibbli għal skema biex tibbenifika l-komunità fejn il-Kunsill organizza b'suċċess numru ta' sessjonijiet 'Adults on the Move' – Pilates, Aerobics u Zumba. Dawn is-sessjonijiet saru fis-Sala tal-Kunsill minn *instructors* professjonali. Il-parteċipazzjoni tar-residenti kienet waħda sodisfaċenti.

Fil-21 ta' Settembru ġiet organizzata 'Sports for all day activity' fl-apert fi Pjazza Ninu Cremona fejn Lija/Iklin Football Youth Nursery kienu ko-parteċipi f'din l-attività. Kienet attività li ressqet il-komunità eqreb xulxin.

**Skema Fondi għal Attivitajiet u Inizjattivi Kulturali**

Il-Kunsill kien applika għal din l-iskema u ssottometta l-proposta tiegħu lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Din il-proposta intlaqgħet u l-Kunsill kien eliġibbli għall-fondi biex jorganizza l-attività annwali 'Festa Fjuri'. Il-Kunsill irnexxielu jottjeni Eur7K biex jagħmlu tajjeb għall-ispiża biex tittella din l-attività kulturali.

**Laqgħat mal-Awtoritajiet u entitajiet oħra**

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras sejjaħ laqgħa urġenti mal-Awtorità tal-Artijiet dwar biċċa art proprjetà tal-Gvern fi Triq Dr. Pawlu Grech minħabba akkumulu ta' skart li ilu jintefa fiha s-snin. Għalkemm mhiex funzjoni tal-Kunsill li jieħu ħsieb it-tindif għaliex mhiex fil-ġurisdizzjoni tal-Kunsill li jnaddaf però tirrifletti b'mod negattiv fuq l-ambjent tal-madwar. Il-Kunsill qed jirrakkomanda lill-Awtorità biex din is-sitwazzjoni tiġi ndirizzata fl-iqsar żmien possibbli u talab biex jittella *boundary wall* biex jinqata' l-abbuż.

Saru laqgħat ta' introduzzjoni mal-iskema awtorizzata li tieħu ħsieb l-iskart riċiklabbli biex jiġi rivedut il-ftehim u jtejjeb is-servizzi eżistenti. Il-Kunsill ħa pożizzjoni dwar il-Bring-in-Sites u ddeċieda li jneħħi l-kontenituri mil-lokalità u tejjeb il-livell tas-servizzi tal-ġbir tal-iskart (kerbside collection) u skart riċiklabbli. Sar ftehim mal-iskema awtorizzata biex tiżdied ġabra oħra tal-ħġieġ kull tielet ġimgħa tax-xhar bħala servizz addizzjonali għar-resident. Il-Kunsill issottometta t-talba lill-Ministeru kkonċernat biex jiżdied dan is-servizz fl-iskeda. Il-Kunsill qed jittama li l-Avviż Legali joħroġ ma jdumx biex jiżdied servizz ieħor lir-resident.

**Laqgħat ta' introduzzjoni mal-Għaqdiet tal-lokal**

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras sejjaħ laqgħa ta' introduzzjoni mal-Uffiċċjali ta' Lija Athletic F.C. dwar il-Kumitat ta' Lija/Iklin Football Youth Nursery fejn wera x-xewqa li l-Kunsill ikollu Kunsillier li jattendi għal-laqgħat ta' Lija/Iklin Football Youth Nursery biex ikun *il porta voce* bejn iż-żewġ entitajiet. Il-Kunsill Lokali L-Iklin bħala ko-fundatur ta' Lija/Iklin Football Youth Nursery għandu interess dirett biex iżomm l-

aqwa relazzjoni ma' Lija/Iklin Football Youth Nursery u wiegħed l-appoġġ sħiħ tal-Kunsill biex ngħinu lit-tfal li jitħarrġu ma' Nursery f'din id-dixxiplina sportiva.

Fil-fatt, kien deċiż li biex jissaħħu dawn ir-relazzjonijiet, il-Kunsillier li għandha d-dekasteru tal-Isport ġiet nominate biex tirrappreżenta lill-Kunsill fil-laqgħat.

Is-Sindku Dr. Sciberras talab ukoll laqgħa ta' introduzzjoni mal-Iklin Scout Group biex ir-relazzjonijiet tajbin li diġa kienu jeżistu mall-Kunsill ikomplu jissaħħu u bil-għan li jkun hemm aktar kollaborazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet.

Matul dawn l-ewwel xhur ta' din il-leġiżlatura l-ġdida, il-Kunsill elett iltaqa wkoll mall-Kappillan tal-Parroċċa Familja Mqaddsa u l-membri tal-Kunsill Parrokkjali fejn ġew diskussi temi varji li sintendi jikkonċernaw l-isfidi li għandha l-komunità fis-soċjetà ta' llum. Is-Sindku wera l-ħsieb jew l-ideja li jsir studju xjentifiku dwar il-komunità tal-Iklin biex fit-tfassil tal-Pjan ta' Ħidma, il-Kunsill, permezz ta' dan l-istudju, jkun jista jintensifika l-ħidma f'dak li verament teħtieġ il-komunità.

**Titjib fl-infrastruttura u xogħlijiet anċillari fil-lokalità**

Biex il-Kunsill jassigura s-saħħa u s-sigurtà fil-*playingfield* li jinsab fi Pjazza Ninu Cremona, il-manutenzjoni baqa' għaddej b'mod kontinwu biex il-Kunsill jassigura sigurtà għat-tfal li jiffrekwentaw il-bandli.

Il-Kunsill kompla għaddej bil-funzjoni tiegħu billi baqa' għaddej bil-manutenzjoni tas-sinjali u l-marki tat-toroq, tindif ta' *rain water culverts*, u xogħlijiet oħra ta' manutenzjoni li saru mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill.

Biex il-Kunsill ikompli jtejjeb l-infrastruttura tad-dawl fit-toroq tal-Iklin, saru talbiet għall-lampi ġodda biex it-toroq ikollhom dawl suffiċċjenti għall-ġid komuni tar-residenti. Lampi ġodda fi Sqaq fi Triq il-Ħwawar, Triq Dun Karm, u Triq Ġużè Galea.

Laqgħa **Plenarja organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali**

Il-Kunsill Lokali L-Iklin ipparteċipa f'attività organizzata mill-AKL 'Teambuilding Activity' nhar is-Sibt 5 ta' Ottubru 2019 fil-Kapitali Valletta fejn ċertament dan l-eżerċizzju serva ta' benefiċċju għall-parteċipanti tal-Kunsill biex eventwalment jiġi rifless fil-komunità.

Il-Kunsill Lokali L-Iklin kien preżenti għal din il-laqħa annwali li saret nhar is-26 ta' Ottubru bil-parteċipazzjoni tas-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri Bernice Farrugia u Emanuel Zammit.

**L-amministrazzjoni u l-operat tal-Kunsill**

L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali hija komposta minn Segretarju Eżekuttiv f/timer, Asst. Prinċipal Uffiċċjal u Uffiċċjal Eżekuttiv fuq bażi Part-Time. Fil-każ tal-Asst. Prinċipal Uffiċċjal, il-Kunsill Lokali kien approva li din l-impjegata tibbenifika mill-*Family Friendly Measures* u taħdem bi *reduced hours* għal 30 siegħa fil-ġimgħa. Ħaddiem assenjat mall-Kunsill tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* u ħaddiem ta' RSSL assenjat mall-Kunsill Lokali L-Iklin.

Matul is-sena li għaddiet, l-amministrazzjoni ppruvat tidentifika n-nuqqasijiet li seta' kien hemm fl-għoti ta' servizzi u anke tindika l-livell ta' servizz li qed jingħata biex inkomplu ntejbu s-servizzi li noffru.

Il-Kunsill Lokali joffri diversi servizzi pubbliċi. L-amministrazzjoni għandha l-għan li toffri s-servizzi b'mod effiċċjenti u effikaċi.

Matul is-sena 2019, il-Kunsill Lokali irċieva (245) ilment li jvarjaw minn qtugħ ta' lampi fit-toroq residenzjali, ilmenti dwar il-manutenzjoni tal-ġonna, indafa pubblika, u ilmenti oħra dwar l-immaniġġjar tal-iskart. (147) tal-ilmenti ngħalqu a sodisfazzjon tal-klijenti filwaqt li l-Uffiċċju għadu jsegwi l-pendenzi bil-għan li jiġu ndirizzati u magħluqa sintendi jiddependi min-natura tal-ilment/suġġeriment. Hemm istanzi fejn il-Kunsill Lokali jkun irid jirriferi dawn l-ilmenti lill-entitajiet oħra li jieħdu aktar żmien biex il-każijiet jiġu investigati u ittrattati.

Il-ġabra ta' informazzjoni mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill turi kif fis-sena 2019, il-Kunsill irċieva numru ta' ilmenti li kienu jikkonċernaw lill-entitajiet varji bħal Enemalta, WSC, Kummissarju tal-Pulizija, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, Infrastructure Malta, ERA, l-Aġenzija LESA, MCA, service providers GO plc, Melita plc, Public Cleansing Department, CPD, Animal Welfare, u d-Dipartiment tas-Saħħa. L-ilmenti telgħu għal (147) fejn (119) ġew solvuti a sodisfazzjon tal-klijent u baqa' (28) ilment pendenti.

Skont l-istatistika li nġabret mill-Uffiċċju, il-Kunsill Lokali ħareġ madwar (757) permess għal Depożitu ta' Makkinarju goff, (81) permess għal Depożitu ta' Skip Industrijali f'toroq residenzjali, (21) permessi għal Twaqqif ta' Posta jew Kiosk, (12) permessi għal xogħlijiet ta' trinek, (3) permess għal depożitu ta' materjal tal-bini jew oġġetti fit-triq, u (1) permess għal attività fil-beraħ.

Il-Kunsill Lokali joffri wkoll servizzi oħra bħal ħlas tal-liċenzi tal-ħwienet tan-negozju, il-ħlas tal-multi, il-kirjiet, u naturalment iservi bħala *one stop shop* dwar servizzi pubbliċi online.

**Kontijiet Bankarji**

**Bilanċi fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank sal-31.12.2019**

| | | |
|---|---|---|
| HSBC Bank: | Kont Kurrenti: | Eur163,352.11c |
| HSBC Bank: | Kont Savings: | Eur40,397.40c |
| HSBC Bank: | Kont Fiss (1) | Eur7,338.40c |
| HSBC Bank: | Kont Savings | Eur12,844.59c |
| HSBC Bank: | Bank Guarantee | Eur2,000.00 (expires 13th Nov 2019 icw PA/01645/18 |

| | | |
|---|---|---|
| BOV plc | Kont Kurrenti: | Eur2,522.39c |
| BOV plc | Kont Kurrenti: | Eur0.01c (Ecommerce Merchant Account) |

| | |
|---|---|
| Petty Cash | Eur69.88 |

**Għeluq**

Nikkonkludi dan ir-rapport billi nirringrazzja lis-Sindku Anthony Dalli tal-appoġġ u l-impenn sħiħ tiegħu lejn din il-lokalità għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena jservi fil-Kunsill kemm bħala Kunsillier u tlieta u għoxrin sena bħala Sindku. Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-Kunsillieri uxxenti għas-servizz li taw lill-Kunsill matul din l-aħħar leġiżlatura.

Il-leġiżlatura l-ġdida bdiet tagħti wkoll il-frott tagħha b'idejat friski u innovattivi. Matul dawn l-ewwel ftit xhur ta' ħidma, il-Kunsill baqa jsegwi l-proġetti li kienu mibdija mill-leġiżlatura preċedenti jew li kienu fi stat ta' implimentazzjoni. Matul l-ewwel seduti ta' din il- leġiżlatura l-ġdida, qed isir *review* tal-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill bil-ħsieb li jiġi rivedut u aġġornat għal ħames snin li ġejjin.

Fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja pubblikament lill-amministrazzjoni tar-responsabbiltà, l-integrità u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha, lill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill u fl-aħħarnett lir-residenti ta' din il-lokalità li jappoġġjaw l-inizjattivi li jieħu l-Kunsill fl-aħjar interess tar-residenti u tal-lokal.

Etienne Montfort

Segretarju Eżekuttiv

29/06/2020